MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1361/2003

**Martin Chetcuti**

**Vs**

**Guza Abela**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas Lm500 (hames mitt lira Maltin) prezz ghal tiswijiet fuq xarabank.

Ra li l-konvenuta pprezentat Risposta fejn qalet li t-talba hi preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili, li sar pagament ghas-saldu ta’ kwalunkwe pendenza li kien hemm u li m’hemm ebda ammont pendenti.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti.

L-attur qal li kien sar xoghol fuq xarabank u l-konvenuta kienet thallas kultant. Fl-ahhar kienet talbet il-bilanc u qalet li dak ma kienx dovut. L-attur qal li l-ahhar darba li giet il-konvenuta kien ghal Frar 2003.

Raymond Abela ghall-konvenuta qal li kienu ilhom erba' snin ma jiehdu xi xoghol ghand l-attur. Ix-xhud qal li xi tlett snin ilu ommu kienet marret ghand l-attur u kienet giet infurmatha li kellha taghti xi haga zghira. Wara rceviet risposta li l-bilanc dovut kien Lm500 (hames mitt lira Maltin). Minn dakinhar il-konvenuta ma marretx iktar fejn l-attur.

Illi fix-xhieda taghha l-konvenuta qalet li kienet tiehu x-xarabank ghand l-attur ghat-tiswija. Il-konvenuta qalet li kienet thallas ta' kollox dejjem u ma kienetx thalli bilanc.

L-attur qieghed jitlob hlas ghall-*invoices* datati 23 ta' Settembru, 2000 u 22 ta' Jannar, 2000. Ix-xoghol sar fi Frar 2000 u fl-ahhar ta' Novembru 1999.

L-Avviz gie pprezentat fit-8 ta' Lulju, 2003.

L-Artikolu 2148 (a) igib l-estinzjoni ta' l-azzjoni b'gheluq it-tmintax-il xahar fil-kaz ta' l-azzjonijiet ta' hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjali li jfornu.

Fil-kawza **Pace Vs Muscat (Appell Inf. 18/5/1929)** gie deciz li dan l-Artikolu ma japplikax ghal *coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e per materiali da loro forniti*.

Ara wkoll **Camilleri Vs Schembri (Appell Civili Inferjuri Tribunal Ghal Talbiet Zghar 16/12/2002)**.

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hi michuda.

Illi dwar il-fatti ma jirrizultax li l-konvenuta gabet bizzejjed evidenza biex dan it-Tribunal jikkonkludi li sar il-hlas. Hi

trid tipprova l-hlas. Gew esebiti *invoices* li gew imhallsa (kif iddikjarat fl-istess dokument) u gew esebiti *invoices* li m'hemm xejn dwar il-hlas.

L-ammonti msemmija f'dokument GA1 huma Lm176.55c (mija u sitta u sebghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu) u Lm253.35c (mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu). Illi dawn l-*invoices* gew debitament imhallsa kif jidher mill-*invoices* datati 29 ta' Dicembru, 1998 u 26 ta' Mejju, 1999.

Illi l-ewwel sar pagament akkont imbaghad sar pagament finali. Illi l-konvenuta tghid li meta kienet thallas kienet thallas ta' kollox izda hi stess esebiet dokument fejn hemm iddikjarat li sar pagament akkont (GA1).

Billi l-konvenuta ma gabetx bizzejjed provi kredibbli dwar il-hlas allegat minnha jichad ir-Risposta tal-konvenuta u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur l-ammont ta' Lm500 (hames mitt lira Maltin) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz. (19 ta' Lulju, 2003).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------